



## **Il-passiġġieri fuq titjira mdewma jistgħu jitolbu kumpens mingħand trasportatur tal-ajru mhux tal-Unjoni Ewropea meta dan tal-añhar iwettaq it-titjira kollha f'isem trasportatur tal-Unjoni Ewropea**

*Ir-regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru ma jaffettwax il-prinċipju ta' sovranità sħiħa u esklużiva ta' Stat fl-ispazju tal-ajru tiegħu stess*

Tliet passiġġieri tal-ajru għamlu riżervazzjoni unika ma' Lufthansa bl-intervent ta' aġenzija tal-ivvjaġġar għal titjira bi tluq mill-ajruport ta' Brussell (il-Belġju) lejn San José (l-Istati Uniti), b'waqfa f'Newark (l-Istati Uniti).

Din it-titjira kollha twettqet minn United Airlines, trasportatur tal-ajru stabbilit fl-Istati Uniti. It-tliet passiġġieri waslu fid-destinazzjoni finali tagħhom b'dewmien ta' 223 minuta. Il-kumpannija Happy Flights, li lilha kien ġie ċedut id-dejn tagħhom, ippreżentat rikors għal kumpens kontra United Airlines quddiem il-Qorti Kummerċjali ta' Brussell bil-lingwa Olandiża, filwaqt li invokat l-applikabbiltà tar-regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru.<sup>1</sup>

Fis-sentenza tagħha mogħtija f'dan il-jum, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar l-ewwel nett li titjira b'konnessjoni waħda jew iktar li kienet is-suġġett ta' riżervazzjoni waħda tikkostitwixxi ħaġa waħda għall-finijiet tad-dritt għal kumpens tal-passiġġieri previst mid-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, l-applikabbiltà tar-regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-post inizjali tat-tluq u d-destinazzjoni finali.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika li trasportatur tal-ajru mhux tal-Unjoni Ewropea (United Airlines), li ma jkunx ikkonkluda kuntratt ta' ġarr mal-passiġġieri iżda li jkun wettaq it-titjira, jista' jkun responsabbli għall-kumpens tal-passiġġieri. Fil-fatt, it-trasportatur li, fil-kuntest tal-attività tiegħu ta' trasport tal-passiġġieri, jieħu d-deċiżjoni li jwettaq titjira speċifika, **inkluż li jiffissa l-itinerarju, jikkostitwixxi t-trasportatur tal-ajru effettiv**. Dan it-trasportatur għalhekk jitqies li jaġixxi f'isem it-trasportatur kuntrattwali (Lufthansa). Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza, madankollu, li t-trasportatur tal-ajru li jopera (United Airlines), li huwa meħtieġ li jikkumpensa passiġġier, iżomm id-dritt li jitlob kumpens mingħand kwalunkwe persuna, inklużi partijiet terzi, skont id-dritt nazzjonali applikabbli.

Fir-rigward tal-validità tar-regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru fid-dawl tal-prinċipju ta' dritt internazzjonali konswetudinarju li jgħid li kull Stat għandu sovranità sħiħa u esklużiva fuq l-ispazju tal-ajru tiegħu stess, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li titjira ta' konnessjoni **taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament** peress li l-passiġġieri jkunu bdew il-vjaġġ tagħhom minn ajruport **li jinsab fi Stat Membru**. Hija żżid li dan il-kriterju ta' applikabbiltà **ma jikkawżax preġudizzju** lill-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' sovranità sħiħa u esklużiva ta' Stat fl-ispazju tal-ajru tiegħu stess.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10),

ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☐ ☎ (+32) 2 2964106*